# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024.

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 13/2023 ISB**

**Break Café (Malta) Limited (C 81004) u Giuliana Schiavone (ID 187069A)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Break Café (Malta) Limited et**, intavolat fit-28 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

1. *Jerġa jirreintegra u jinserixxi lura u jdaħħal l-isem tas-soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited C81004 fir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited C81004 meta terġa' tkun fuq ir-Reġistru, tkun tista'*

*tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha u sussegwentement titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma ġiex imħassar; u*

2. *Jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivi għal tali reintegrazzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

3. *Tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet neċessarji għas-suespost.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi l-esponent hija l-unika azzjonisti tas-soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 81004 reġistrata fl-indirizz 64, 'Excalibur' B.Bontadini Street, Birkirkara (Malta).*

2. *Illi ai termini tal-artikolu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta), l-entità bagħtet ittra datata 13 ta' Settembru, 2022 (hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. A**) li permezz tagħha avżat lid-diretturi tas-soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited li dik is-soċjetà kienet naqset milli tirreġistra d-dokumenti rilevanti. Fl-istess ittra s-soċjetà kienet informata li l-entità intimata kienet qed tagħti xahar mid-data ta' ittra surreferita sabiex tintavola dawk id-dokumenti hekk rikjest.*

3. *Illi nonostante li s-soċjetà imsemmija kienet għadha qed topera, hija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji miżmum mill-entità intimata, b'effett mill-14/01/2023 (vide **Dok. B**).*

4. *Illi r-Reġistratut intimat ħassar minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji l-isem tal-kumpannija Break Cafe' (Malta) Limited in eżerċizzju tal-poteri mogħtija lilu ai termini l-artikolu 325(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Illi għadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta s-soċjetà tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u dan kif jirrikjedi l-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Illi l-esponenti, ċioe' Giuliana Schiavone (ID 187069(A)), qua azzjonista tas-soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited C81004 ħasset ruħa aggravata b'tali tħassir u għandha kull interess illi l-istess soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited C81004 terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

7. *Illi jekk is-soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited C81004 ma tkunx tista' tkompli l-eżistenza tagħha ser jiġu affettwati terzi (inkluż l-impjiegi ta' kif ukoll il-UBO, shareholder, diretturi u kredituri).*

8. *Illi jekk is-soċjetà Break Cafe' (Malta) Limited C81004 ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, l-esponenti ċioe' Giuliana Schiavone (ID 187069(A)), u Break Cafe' (Malta) Limited C81004, sejrin isofru danni irreparabbli billi l-assi tal-istess soċjetà sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

9. *Illi l-esponenti kienu irregolarizzaw il-posizzjoni tagħhom qabel ma skada it-terminu li ġie impost mir-Reġistratur tal-Kumpaniji stante li huma kienu ħadu azzjoni u ngaġġaw l-awditur John Zammit sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tas-soċjetà in kwistjoni u fil-fatt, kull ma kien baqa' pendenti kienu il-Financial statement, Annual returns kienu imdaħla kollha (vida **Dok C, C1, C2, C3 u C4** – datat 11/01/2023).*

10. *Illi l-fatti kollha hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-atturi.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors promotur (fol 6 sa fol 12).

Rat **id-digriet** tagħha tas-17 ta' Marzu 2023, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-19 ta' Mejju 2023 fil-11:30 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fl-14 ta' April 2023 (fol 17) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit ta' **John Zammit** (fol 19).

Rat illi fl-24 ta' April 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 20) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Tesponi bir-rispett, u għan-nom u in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji ("Reġistratur"), l-Avukat Claudette Fenech tikkonferma:*

*Illi l-kumpanija **Break Café (Malta) Limited** (**C 81004**) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-23 ta' Mejju 2017;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji. Tant hu hekk, illi l-uniku dokument sottomess mill-kumpanija mid-data tar-reġistrazzjoni tagħha, kien il-kont annwali relatat mas-sena 2017 filwaqt illi l-prospetti annwali qatt ma ġew sottomessi u għalhekk għadhom pendenti sal-ġurnata tal-lum;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista ta' suespost, ir-Reġistratur pproċediet u kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjal uniku tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra (annessi u mmarkati bħala Dok. **'A'**, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) lill- kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha, 64, Excalibur, B. Bontadini Street, Birkirkara BKR 1737, Malta, kif ukoll lill-uniku direttur tal-kumpanija Giuliana Schiavone fuq l-indirizz Belvedere Court, Flat No. 1, Triq l-Aħmar, Marsascala, Malta , datati, 13 ta' Settembru 2022;*

*Illi it-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta'ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizz fl-14 t'Ottubru 2022;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fl-14 t'Ottubru 2022, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-18 ta' Jannar 2023, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi jirriżulta illi l-kumpanija kienet issottomettiet il-prospetti annwali fil-11 ta' Jannar 2023, iżda l-kontijiet annwali kienu baqgħu ma ġewx sottomessi…..*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jitieħħdu minn naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR 600.00****;*

*Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* ***EUR 2,301.50.*** *Irid jiġi speċifikat li dan m'huwiex ammont finali, iżda jiġi aġġornat skont id-data meta jiġu sottomessi d-dokumentazzjoni pendenti;*

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fit-12 ta' Mejju 2023 (fol 38) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit tar-rikorrenti **Giuliana Schiavone** (fol 39 sa fol 41).

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023, dehret l-Avukat Anna Cordina Zammit għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjetà Break Cafè (Malta) Limited kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti Giuliana Schiavone, li hija l-unika azzjonista tas-soċjeta' **Break Cafè (Malta) Limited (C 81004)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-14 ta' Jannar 2023, qed titlob illi l-kumpanija terga' tiġi ri-integrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandhom interess li l-kumpanija tibqa' operattiva għax fil-fatt għadha topera n-negozju tagħha, kif ukoll timpjega numru ta' individwi u għandha wkoll numru ta' assi li jekk kemm-il darba ma terġax titpoġġa fir-reġistru ser jiddevolvu favur il-Gvern ta' Malta.

Illi r-rikorrenti ddikjaraw mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huma kienu lesti li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Break Cafè (Malta) Limited u fil-fatt iddikjaraw li diġà ħadu u lesti jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkun f'pożizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Fl-affidavit tiegħu **John Zammit** jgħid li ġie nkarigat mis-soċjetà rikorrenti bħala awditur tal-istess. Jispjega li kien induna li r-Reġistratur tal-

Kumpaniji kien bagħat ittra datata 13 ta' Settembru 2022 li permezz tagħha kien informa lis-soċjetà rikorrenti li kienet naqset milli tirreġistra d-dokumenti rilevanti u li kienet qegħda tingħata xahar biex tirregola ruħha. Jgħid li d-dokumenti ġew sottomessi sal-11 ta' Jannar 2023 u l-kumpanija ġiet imħassra mir-Reġistru fl-14 ta' Jannar 2023. Jgħid li hu kien ġie ikkuntatjat mir-rikorrenti Giuliana Schiavone dwar dan meta l-banek ma ħallewhiex taċċessa l-kontijiet tal-kumpanija minħabba li kienet ġiet *struck off*. Jispjega li kien ikkuntattja lir-Reġistratur intimat dwar dan iżda ġie infurmat li f'dak l-istadju ma seta' jsir xejn min-naħa tagħhom u kellhom jipproċedu b'kawża. Jgħid li jekk il-kumpanija mhux ser terġa titpoġġa fuq ir-reġistru s-soċjetà ma tkunx tista' tħallas il-pagi, kontijiet u l-kredituri ser jiġu ppreġudikati.

Il-Qorti trid tinnota illi meta fis-7 ta' Lulju 2023 hija giet mgharrfa illi l-penalitajiet ma setgħux jitħallsu peress illi l-kont bankarju kien friżat appuntu minħabba t-tneħħija tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru, kien l-istess Awditur li ddikjara illi huwa kien lest illi jagħmel il-pagament hu biex mbagħad jiġi rimborsat.

Fl-affidavit tagħha **Giuliana Schiavone** tgħid li hi kienet ingaġġat lis-Sur John Zammit bħala awditur tal-kumpanija in kwistjoni u kien induna li r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien se jagħlaq il-kumpanija għax kien hemm xi dokumenti li riedu jiġu ppreżentati. Tispjega li dawn in-nuqqasijiet kienu minħabba diversi problemi li l-kumpanija kienet iltaqgħet magħhom matul il-Covid u diversi problemi personali minħabba li kienet tivvjaġġa ħafna. Tispjega li s-Sur Zammit ippreżenta d-dokumenti qabel l-14 ta' Jannar 2023 u kien hemm xi *financial statements* li kellhom jiġu finalizzati. Tgħid li saret taf li l-kumpanija tħassret meta marret il-bank biex tirtira xi flus u l-bank infurmaha li l-kontijiet bankarji kienu ġew iffriżati minħabba li l-kumpanija tħassret. Tispjega li sakemm il-kumpanija terġa' titpoġġa fir-reġistru qed issofri danni minħabba li ma tistax tirċievi pagamenti u ma tistax tħallas pagi u kredituri.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

Il-Qorti trid tibda biex tosserva illi apparti s-soċju waħdani tas-soċjetà *de quo*, il-proċedura ġiet intavolata wkoll mill-istess soċjetà kummerċjali. Il-Qorti tqis illi dan huwa proċeduralment skorrett u inamissibbli u ġaladarba l-kumpanija Break Cafè (Malta) Limited (C 81004), fil-mument tal-intavolar tal-proċeduri, ma kinitx fuq ir-Reġistru – allura hija ma setgħetx tintavola l-proċedura *de quo*.

Tant hu hekk illi l-liġi, senjatament l-Artikolu 325(4), a bażi ta' liema saret l-azzjoni, tgħid espressament minn min tista' titressaq l-azzjoni odjerna – u tgħid ukoll illi jekk it-talba ta' membru, kreditur jew persuna oħra interessata li tkun ressqet l-azzjoni tintlaqa' – allura l-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar.

Il-Qorti tqis għalhekk illi l-liġi b'hekk qed timla' l-*vacuum* li jinħoloq mill-mument tal-kanċellament tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru sakemm din

tiġi ri-integrata. U f'dak il-perjodu "*vacuum*" – il-kumpanija ma għandiex eżistenza, eżistenza però li titqies illi qatt ma spiċċat **biss** jekk terġa' titpoġġa lura fuq ir-Reġistru.

Il-fatt illi l-azzjoni tressqet ukoll minn Giuliana Schiavone, l-unika azzjonista tal-istess kumpanija, ifisser illi l-Qorti tista' u sejra tikkunsidra t-talba lilha magħmula, imma sejra tqis biss illi t-talba qed tiġi determinata fil-konfront tal-istess rikorrenti Schiavone msemmija filwaqt illi tastjeni milli tippronunzja ruħha fuq t-talba hekk kif mressqa mis-soċjetà Break Café (Malta) Limited.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Break Café (Malta) Limited (C 81004) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellhom ir-rikorrenti illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti żammew kelmithom u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha, filwaqt illi tastjeni milli tippronunzja ruħha fil-konfront tas-soċjetà kummerċjali rikorrenti, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti Giuliana Schiavone u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Break Café (Malta) Limited (C 81004)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Break Café (Malta) Limited (C 81004)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Break Café (Malta) Limited (C 81004)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**